Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Frar 2022**
**(OR. en)**

**6104/22**

**PECHE 41**
**DELACT 19**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 9 ta' Frar 2022 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2022) 645 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta’ 9.2.2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 li jistabbilixxi l-miżuri ta’ konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 645 final.

Mehmuż: C(2022) 645 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2022
C(2022) 645 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 9.2.2022**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana**

MT

MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013[1] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati dwar il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

L-Istati Membri huma meħtieġa jagħżlu żoni speċjali ta' konservazzjoni u żoni ta' protezzjoni speċjali rispettivament, biex jipproteġu l-ħabitats u l-ispeċijiet ta' interess għall-UE. Dawn iż-żoni jiffurmaw in-network ekoloġiku Ewropew Natura 2000. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi tal-UE dwar in-Natura (id-Direttivi dwar il-Ħabitats[2] u dwar l-Għasafar[3]), l-Istati Membri jridu jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa u jieħdu l-passi xierqa biex jipproteġu l-ħabitats naturali u l-ispeċijiet li għalihom intgħażlu s-siti deżinjati. Tali miżuri għandhom jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ħabitats naturali u tal-ispeċijiet preżenti fis-sit, u jistgħu jinkludu miżuri relatati mas-sajd.

Skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)[4], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb. Meta l-Istati Membri jsibu li huma meħtieġa ċerti miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd għall-konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Għasafar, jew skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitat, dawk il-miżuri jridu jiġu adottati skont ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

Fit-2 ta' Frar 2021 id-Danimarka (l-Istat Membru inizjatur), l-Iżvezja u l-Ġermanja ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta li fiha miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd biex jiġu protetti sitt żoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u sit wieħed ta' Natura 2000 li jinsab fil-parti Daniża tal-Kattegat. L-għan ġenerali huwa li jiġu protetti qiegħ il-baħar artab u l-istrutturi tal-iskoll (il-kodiċi tal-ħabitat 1170) mis-sajd b'irkaptu mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ. Bl-istess mod, fit-2 ta' Frar 2021, l-Iżvezja (l-Istat Membru inizjatur), id-Danimarka u l-Ġermanja ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta li fiha miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd biex jiġu protetti erba' żoni marini protetti fil-parti Żvediża tal-Kattegat. L-għan ewlieni huwa li tiġi żgurata protezzjoni adegwata ta' speċijiet u tipi ta' ħabitats deżinjati u sensittivi u l-funzjonijiet ekoloġiċi assoċjati.

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118[5] stabbilixxa miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd f'ċerti żoni tal-Baħar tat-Tramuntana. Wara r-rakkomandazzjonijiet konġunti ppreżentati mill-Iżvezja u mid-Danimarka fi Frar 2021, jenħtieġ li dan ir-Regolament Delegat jiġi emendat biex jintroduċi l-miżuri l-ġodda ssuġġeriti.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[3] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

[4] ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

[5] ĠU L 19, 25.1.2017, p. 10–25.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Id-Danimarka u l-Iżvezja żviluppaw il-proposti rispettivi tagħhom wara konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati diversi fil-livell nazzjonali.

Mil-lat internazzjonali, fl-2017 id-Danimarka ppreżentat proposta għal konsultazzjoni minn qabel ma' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni. Fl-2017, fl-2018 u fl-2019 iltaqa' għal diversi drabi grupp ta' ħidma*ad hoc*. Fl-2017 u għal darb' oħra f'Settembru 2020, id-Danimarka kkonsultat lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana dwar il-proposta finali.

F'Jannar 2018 l-Iżvezja organizzat laqgħa ta' prekonsultazzjoni ma' rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni. Fl-2018 u fl-2019 saru diversi laqgħat *ad hoc*. F'Settembru 2018 u għal darb' oħra f'Settembru 2020, l-Iżvezja kkonsultat lill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana dwar il-proposta finali.

Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti finali ppreżentati mid-Danimarka u mill-Iżvezja fihom l-elementi li ġejjin:

– miżuri biex ċerti żoni jingħalqu għall-attivitajiet tas-sajd;
– miżuri li jipprojbixxu l-użu ta' rkapti mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ f'ċerti żoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) u f'siti ta' Natura 2000;
– miżuri li jippermettu biss rkaptu tas-sajd partikolari f'ċerti żoni marini protetti; u
– miżuri ta kontroll u ta' infurzar.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti ġew żviluppati b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ġermanja. Għalkemm ma hemm l-ebda sajd Ġermaniż ta' kobor fiż-żona, dawn iż-żoni marini protetti huma parti mid-diviżjoni 3a tal-ICES (Skagerrak u Kattegat), fejn il-Ġermanja għandha opportunitajiet tas-sajd għal għadd ta' speċijiet fil-mira.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

**Sommarju tal-azzjoni proposta**

L-azzjoni legali ewlenija hija li jiġu adottati l-miżuri li huma meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont id-dritt ambjentali tal-Unjoni.

Ir-Regolament jispeċifika s-sajd f'ċerti żoni li għalih ikunu japplikaw miżuri speċifiċi.

**Bażi ġuridika**

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 9.2.2022**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom is-setgħa li fl-ilmijiet tagħhom jadottaw il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd li huma meħtieġa għall-konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats")[2], skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar l-Għasafar")[3] u skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina")[4].

(2) L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jeħtieġ li għaż-Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni l-Istati Membri jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi ta' dawk it-tipi ta' ħabitats naturali u ta' speċijiet li jinsabu fis-siti kif elenkati fl-Annessi ta' dik id-Direttiva.

(3) L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Għasafar jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri speċjali ta' konservazzjoni li jikkonċernaw il-ħabitat tal-ispeċijiet imsemmija fl-Anness I tagħha. Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jieħdu miżuri simili ta' konservazzjoni għall-ispeċijiet migratorji li jiġu b'mod regolari li mhumiex elenkati fl-Anness I tagħha.

(4) Skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, l-Istati Membri jeħtieġu jadottaw programmi ta' miżuri biex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb, li jinkludu miżuri ta' protezzjoni spazjali li jikkontribwixxu għal networks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni marini protetti, u jkopru b'mod adegwat id-diversità tal-ekosistemi kostitwenti, bħal żoni speċjali ta' konservazzjoni skont id-

[1] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[3] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

[4] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

Direttiva dwar il-Ħabitats, bħal żoni ta' protezzjoni speċjali skont id-Direttiva dwar l-Għasafar, u bħal żoni marini protetti kif miftiehma mill-Unjoni jew mill-Istati Membri kkonċernati fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali jew reġjonali li għalihom ikunu partijiet.

(5) Meta Stat Membru jqis li jeħtieġ li jiġu adottati miżuri għall-konformità mal-obbligi tiegħu skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni u Stati Membri oħra jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd li se jiġi affettwat minn tali miżuri, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta dawn il-miżuri permezz ta' atti delegati wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Istati Membri.

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118 jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni f'ċerti żoni marini protetti fil-Kattegat u fiż-żona marina protetta ta' Bratten fil-Baħar tat-Tramuntana.

(7) Fit-2 ta' Frar 2021, wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana, id-Danimarka, l-Iżvezja u l-Ġermanja ppreżentaw żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti għall-ġestjoni tas-sajd f'ċerti żoni tal-Kattegat lill-Kummissjoni. Id-Danimarka ressqet rakkomandazzjoni konġunta biex tipproteġi qiegħ il-baħar artab u l-istrutturi tal-iskoll mis-sajd b'irkapti mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ f'sitt żoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) u f'sit wieħed ta' Natura 2000 fil-parti Daniża tal-Kattegat. L-Iżvezja ppreżentat rakkomandazzjoni konġunta biex tipproteġi speċijiet u tipi ta' ħabitats sensittivi billi tippermetti biss ċerti rkapti tas-sajd f'erba' żoni marini protetti fil-parti Żvediża tal-Kattegat.

(8) F'Ottubru 2021, permezz ta' proċedura bil-miktub il-Kummissjoni ppreżentat dawn il-miżuri lil grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri.

(9) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") analizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti u kkonkluda[5] li l-miżuri jirrappreżentaw pass pożittiv 'il quddiem lejn il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats ikkonċernati. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għall-protezzjoni adegwata ta' speċijiet u ta' tipi ta' ħabitats deżinjati u sensittivi u l-funzjonijiet ekoloġiċi assoċjati fiż-żoni marini protetti.

(10) Il-miżuri proposti mid-Danimarka għandhom l-għan li jipprojbixxu l-irkapti mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ fiż-żoni deżinjati. L-STECF ikkonkluda[6] li l-projbizzjoni ta' dan l-irkaptu f'dawn il-ħabitats vulnerabbli tagħti aktar protezzjoni ta' qiegħ il-baħar artab u tal-istrutturi tal-iskoll (tip ta' ħabitat 1170) mill-impatt tal-attivitajiet tas-sajd, u b'hekk tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri ambjentali.

(11) Il-miżuri proposti mill-Iżvezja għandhom l-għan li jiddeżinjaw żoni tas-sajd ristretti u żoni fejn l-operazzjonijiet tas-sajd ikunu pprojbiti. L-STECF ikkonkluda[7] li l-impatt tal-irkapti tas-sajd proposti f'żoni tas-sajd ristretti x'aktarx li jkun żgħir u li l-miżuri proposti se jkunu pass pożittiv 'il quddiem lejn il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats ikkonċernati. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Istati Membri impenjaw ruħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta li jipproponu aktar aġġustamenti u li jirrestrinġu s-sajd bl-għeżula jekk dan jitqies meħtieġ.

[5] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2850498/STECF+PLEN+21-01.pdf/874bc98a-5c5a-46a5-a3e5-e9711285b193

[6] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2850498/STECF+PLEN+21-01.pdf/874bc98a-5c5a-46a5-a3e5-e9711285b193

[7] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2850498/STECF+PLEN+21-01.pdf/874bc98a-5c5a-46a5-a3e5-e9711285b193

(12) L-Istati Membri ssuġġerew miżuri ta' kontroll u ta' infurzar ibbażati fuq l-użu ta' sistema ta' identifikazzjoni awtomatika ("AIS") għal żoni speċifiċi. L-STECF ikkonkluda[8] li l-AIS għandha tkun biżżejjed biex jitwettaq monitoraġġ f'ħin reali f'dawn iż-żoni.

(13) Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 jiġi emendat biex jinkludi t-tartarun tal-par Skoċċiż (SPR) fid-definizzjoni ta' rkaptu mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ. L-SPR tħalla barra bi żball mir-rakkomandazzjonijiet konġunti ppreżentati mid-Danimarka fl-2015 u fl-2016 biex jiġi pprojbit l-użu ta' rkapti mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ fiż-Żoni 1. L-Istati Membri talbu lill-Kummissjoni tikkoreġi din l-ommissjoni.

(14) Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118 u r-rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mid-Danimarka jkopru biss l-irkapti tal-kuntatt mal-qiegħ li huma mobbli. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, it-terminu "mobbli" jenħtieġ li jiddaħħal fid-definizzjoni tal-irkapti tal-kuntatt mal-qiegħ li jipprevedi dan ir-Regolament.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 jiġi emendat skont dan.

(16) Dan ir-Regolament Delegat huwa mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' miżuri ta' konservazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti u mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward il-konformità tal-Istati Membri interessati mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011*, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "irkaptu tal-kuntatt mal-qiegħ" tfisser kwalunkwe wieħed mill-irkapti li ġejjin: xibka tat-tkarkir tal-qiegħ, xibka tat-tkarkir bi travu, xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti, xibka tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin, xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi, xibka tat-tkarkir għall-awwisti, xibka tat-tkarkir għall-gambli, tartarun, tartarun Daniż, tartarun Skoċċiż, tartarun Skoċċiż bil-paranzi, tartarun jew bastiment bit-tartarun u gangmu;

(2) "Żoni 1" tfisser iż-żoni ġeografiċi magħluqin permezz tal-ġonġiment sekwenzjali tal-linji rombu fil-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84;

(3) "Żoni 2" tfisser iż-żoni ġeografiċi magħluqin bil-ġonġiment sekwenzjali tal-linji rombu fil-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84;

[8] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2850498/STECF+PLEN+21-01.pdf/874bc98a-5c5a-46a5-a3e5-e9711285b193

(4) “Żoni 3” tfisser iż-żoni ġeografiċi magħluqin bil-ġonġiment sekwenzjali tal-linji rombu mal-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta’ koordinati WGS84;

(5) “Bratten” tfisser iż-żona ġeografika magħluqa bil-ġonġiment sekwenzjali tal-linji rombu fil-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness III ta’ dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta’ koordinati WGS84;

(6) “Żoni tal-AIS” tfisser iż-żoni ġeografiċi magħluqin bil-ġonġiment sekwenzjali tal-linji rombu mal-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness V ta’ dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta’ koordinati WGS84;

(7) “L-Istati Membri kkonċernati” tfisser id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja.’

---------------------------

* Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta’ April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

;

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 3*

Projbizzjoni tas-sajd

1. Fiż-Żoni 1 għandu jkun ipprojbit li titwettaq ebda attività tas-sajd b’irkapti tal-kuntatt mal-qiegħ.

Meta l-bastimenti tas-sajd li jġorru abbord kwalunkwe rkaptu mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żoni 1 li mhumiex ipprojbiti skont l-ewwel subparagrafu, l-irkaptu mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ ikkonċernat għandu jkun marbut u stivat f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Għandu jiġi pprojbit it-twettiq ta’:

(a) l-attivitajiet tas-sajd elenkati fil-punti 2(1) sa 2(24) taż-Żoni 2,

(b) l-operazzjonijiet tas-sajd elenkati fil-punti 2(25), 2(26) u 2(27) taż-Żoni 2.

3. Fiż-Żoni 3, is-sajd għandu jkun permess biss bl-irkapti li ġejjin u skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- irkapti li jinżammu fl-idejn bħall-qasba u x-xlief (LHP)
- xbieki tat-tkarkir pelaġiċi (OTM/PTM),
- nases (FPO, FIX) meta jsir sajd għall-krustaċji,
- għeżula u pariti (GTN), dment li l-bastimenti tas-sajd jieħdu sehem fi programm nazzjonali ta’ monitoraġġ u ta’ valutazzjoni mwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali jew f’isimhom biex jevalwaw il-qabdiet aċċessorji tad-denfil iswed u tal-għasafar tal-baħar permezz ta’ monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (“REM”), inkluż l-użu tal-kameras abbord tat-televiżjoni b’ċirkwit magħluq (“CCTV”) u tad-*data* dwar il-pożizzjoni.

Fir-rigward tal-aħħar inċiż tal-ewwel subparagrafu, kull sena l-Istati Membri kkonċernati għandhom janalizzaw id-*data* dwar il-qabdiet inċidentali tad-denfil iswed u tal-għasafar tal-baħar u għandhom jivvalutawha fi kwalunkwe żmien, iżda mhux aktar tard mill-31 ta’

Diċembru 2024. Dik id-*data* jew kull *data* xierqa ġdida għandha tintuża sabiex jiġi aġġustat l-użu tas-sajd bix-xbieki f'dawk iż-żoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 11 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

4. Il-paragrafu 2(b) u l-paragrafu 3 għandhom japplikaw ukoll għas-sajd rikreattiv.';

(3) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

**Sistema ta' identifikazzjoni awtomatika**

Il-bastimenti tas-sajd li ġejjin għandhom ikunu mgħammrin b'sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) li tilħaq l-istandards tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u din is-sistema għandha tinżamm operattiva.

(a) il-bastimenti tas-sajd kollha preżenti fiż-żona marina protetta ta' Bratten;

(b) il-bastimenti tas-sajd kollha li joperaw b'irkapti mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ fiż-żoni tal-AIS kif speċifikat fil-punt 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(c) il-bastimenti tas-sajd kollha preżenti fiż-żoni tal-AIS kif speċifikat fil-punt 2 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.";

(4) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-punt 1 tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-punt 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(6) Jiżdiedu l-Annessi IV u V f'konformità mal-punti (3) u (4) tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.2.2022

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*